DIPARTIMENT TAL-INFORMAZZJONI
*DEPARTMENT OF INFORMATION*
MALTA

# Press Release

**PR180968** **03.05.2018**

**STQARRIJA MILL-UFFIĊĊJU TAL-ISPEAKER**

***Għoti tad-demm fil-Parlament***

"Il-kontribut tiegħek dalgħodu jista' jsalva l-ħajja ta' bniedem fis-sigħat li ġejjin", qal l-Ispeaker Anġlu Farrugia meta ngħaqad ma' donaturi tad-demm fil-Parlament.

L-Ispeaker saħaq li kull donazzjoni hi att nobbli u dinjituż u att ta' mħabba lejn il-persuna li teħtieġ id-demm – kemm jekk min għandu bżonn id-demm hu marid jew jekk hu vittma ta' inċident.

L-Ispeaker Anġlu Farrugia ħeġġeġ ukoll biex kemm jista' jkun, in-nies jaslu sal-Parlament u jingħaqdu ma' oħrajn li diġà għamlu d-donazzjoni tad-demm.

Is-servizz tal-għoti tad-demm fil-Parlament se jibqa' fis-seħħ sas-siegħa ta' waranofsinhar.

**Attachments: photos** 

3, CASTILLE PLACE, VALLETTA VLT 2000 Tel +(356) 2200 1700 Fax +(356) 2200 1775
press.releases@gov.mt www.doi.gov.mt